# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' April tas-sena 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 158/01/SM**

**Francis sive Cikku Borg**

**vs**

**Anthony u Connie konjugi Gerada**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas slidalment bejnithom tas-somma ta' mitejn u tmenin Lira Maltin (LM280.00,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija ossia spare parts ta' vettura tal-marka "Isuzu", mibjugha u debitament ikkonsenjati lilhom aktar minn sentejn ilu;**

**Bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Gunju, 2000, u tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma dan l-avviz, u bl-interessi legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fis-27 ta' Marzu tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**